MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 386/2002

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Alexandra Mamo]**

**vs**

**Tonio Ciantar et omissis**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tonio Ciantar detentur tal-karta tal-identita` numru 469269(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni:
Approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita` tieghu bhala direttur tal-kumpanija Chains Enterprises Limited, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat u cioe` approprija ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Chains Enterprises Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn LM7,000 liema flejjes jappartjenu lill-Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat Tonio Ciantar li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ikkunsidrat illi qabel xejn trid tippremetti illi dawn il-proceduri gew quddiem din il-Qorti wara decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq rikors instigat mill-imputat Tonio Ciantar. Illi ghalhekk din id-decizjoni ser tkun biss kontra l-istess imputat Tonio Ciantar u mhux kontra l-imputat l-iehor Johan Ciantar illi a rigward tieghu, id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 16 ta' Settembru 2009, ghaddiet in gudikat.

Illi preliminarjament tqajjmu zewg sottomissjonijiet min-naha tad-difiza li din il-Qorti ghandha l-obbligu li tidhol fihom qabel ma tittratta dwar il-mertu. Dawn kienu il-punt li il-legislatur ikkreja reat specjali taht il-ligi tal-VAT u cioe` l-Art. 76(c) tal-Kap. 406 u ghalhekk l-akkuzi odjerni gew impustati hziena ghaliex huma bbazati fuq il-Kap. 9 Artikoli 293 u 294 u li allura huma generici u konsegwentement nulli u bla effett.

Illi jinghad illi l-Artikoli 293 u 294 jittrattaw fiq ir-reat ta' mizappropriijazzjoni u cioe` meta persuna zzomm flejjes li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika ukoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

L-Artikolu 76(c) tal-Kap. 406 min-naha tieghu jittratta fuq meta persuna tonqos milli taghti dokumentazzjoni lid-Dipartiment jew li jaghti informazzjoni mhux korretta. Illi fl-ebda parti ta' dan l-Artikolu ma hu kopert ir-reat ta' mizappropprijazzjoni ghaliex effettivament dak li hu allegat fuq l-imputat Tonio Ciantar mhux li ma tax l-informazzjoni jew taha b'mod qarrieq izda li taha l-informazzjoni tajba izda imbaghad ma tax il-flus li kienu dovuti skont dik id-dikjarazzjoni. Illi huwa veru li t-tieni parti tal-Artikolu 76 (c) jitkellem fuq in-nuqqas ta' hlas ta' xi taxi u penali izda dawn huma marbuta mal-fatt li ghandhom ikunu taxxi jew penali amministrattivi u mhux certament il-kaz in kwistjoni. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni kienet korretta meta impustat l-akkuzi fuq il-Kap. 9.

Illi rigward il-mertu tal-kaz, mix-xhieda prodotta jirrizulta, u li dan il-fatt mhux kontestat, illi effettivament kien hemm xi flejjes li kienu dovuti mill-kumpannija Chains Ltd. li wara bidlet isimha ghal Toys and Kids Ltd. lid-Dipartiment tal-VAT u li dawn kienu dikjarati fid-dikjarazzjoni maghmulha mill-istess kumpannija. Illi dawn il-flejjes kienu allegatament baqghu f'idejn l-imputat Tonio Ciantar u f'idejn huh Johann Ciantar.

Illi waqt il-proceduri quddiem il-Magistrat Padovani Grima l-imputati bdew jissaldaw dawn il-flejjes lid-Dipartiment tal-VAT u sal gurnata tallum l-ebda flus ma huma dovuti lid-Dipartiment a bazi ta' dawn l-akkuzi.

Illi li qed jigi kkontestat huwa l-fatt illi l-imputat Tonio Ciantar ma mmisapproprijax dawn il-flus ghaliex kif xehed l-istess Tonio Ciantar, dawn il-flus li kienu gew dikjarati minnhom stess skont dikjarazzjoni li tinsab a fol. 23 et seq. tal-process, effettivament ma kienux ghadhom ingabru u ghalhekk ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 293 ma jissussistix ghaliex il-*mens rea* kienet nieqsa fil-mument tar-reat kontemplat.

Illi jekk wiehed jara id-dikjarazzjonijiet a fol. 23-33 tal-process hemm dikjarazzjoni tad-direttur tal-kumpannija li ghall-ewwel kien jiffirma Tonio Ciantar u sussegwentement kompla jiffirma huh Johann Ciantar. Illi

dan ghaliex Tonio Ciantar kien biegh l-ishma tieghu fil-kumpannija lil huh. Izda dan ma kienx baghat *change in ownership* lid-Dipartiment tal-VAT.

Illi l-Qorti sejra biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat, fosthom fil-kaz bl-ismijiet Pulizija v. Dr. Siegfried Borg Cole (App VDG 2003) li jghid hekk:

*"Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno*

***Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…***

***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che***

***deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole."***

Illi fil kaz in ezami jirrizulta illi l-unika prova tal-prosekuzzjoni kienu d-dikjarazzjonijiet tal-imputat Tonio Ciantar u huh li kienu ddikjaraw il-qliegh taghhom u x'nefqu. Mill-banda l-ohra l-unika prova tad-difiza kienet ix-xhieda tal-istess Tonio Ciantar fi stadju avanzat tal-proceduri u cioe` biss meta din il-Qorti hadet il-proceduri quddiemha, li qal illi huwa ma kienx ghadhu hadhom dawn il-flus u allura ma setax ihallashom lid-Dipartiment tal-VAT. Illi d-difiza ma gabitx prova dwar dan il-fatt. Illi jekk wiehed jieqaf hemm, *prima facie* ir-reat kontemplat taht l-Art. 293 tal-Kap. 9 jissussisti u allura l-prosekuzzjoni tkun ippruvat sodisfacjentement il-kaz taghha ghaliex id-difiza ma tkunx ippruvat dik l-eccezzjoni li ressqet.

Izda jekk wiehed jara l-istqarrija ta' Johann Ciantar, immarkat bhala Dok AM 1, li dan qal hekk:

***"M. Tista' tghidli x'ghamlet il-kumpannija mill-flus <u>migbura</u>*** *(emfasi mizjuda)* ***tal-VAT mis-sales li ghamlet***

***il-kumpannija u li suppost thallsu lid-DIpartiment tal-VAT?***

***T. Hafna mis-sales ghadna ma xbarnihomx. Il-flus li lahqet gabret il-kumpannija bhala VAT thallsu is-suppliers”.***

Illi ghalhekk jidher illi l-istess Johann Ciantar, li diga` instab hati ghal dan ir-reat fuq ammissjoni tieghu, kien ammetta fl-istqarrija tieghu li ftit mill-flus li ngabru bhala VAT uzahom mod iehor u mhux hallashom lid-Dipartiment. Izda hu ukoll jghid fl-istqarrija tieghu illi huh Tonio Ciantar kien diga` hareg mill-kumpannija u li kien biegha sussegwentement lilu. Din tikkorabora mal-istqarrija tal-imputat Tonio Ciantar li ma kien jaf xejn ta’ dak li gie mistoqsi.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova ’il fuq mid-dubju ragjonevoli
Illi x’kienu u meta thallsu lis-suppliers dawk il-flejjes li effettivament ingabru bhala VAT u dan seta’ jsir facilment billi jigi ingunt lill-awditur tal-kumpannija David Busuttil, kif ukoll naqset li tipprova li ghalkemm Tonio Ciantar kien hareg mill-kumpannija, huwa kellu l-*mens rea* necessarja ghal dan ir-reat li tahtu gie akkuzat. Illi dawn in-nuqqasijiet certament jimmilitaw favur l-imputat Tonio Ciantar.

Illi ghal dawn il-motivi:

Wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ssibx lill-imputat Tonio Ciantar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------